Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 190/2018

Il-Pulizija

Spettur Lara Butters

Vs

Emanuel Calleja

Illum 23 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Calleja detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 889045M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar it-22 ta' Jannar 2016 u s-snin ta' qabel din id-data, gewwa razzett tal-baqar tal-halib bin-numru tal-approvazzjoni D043 li jinsab fi Triq Sant' Andrija, Swatar:

1. Gieghel annimali (Bovini) isofru ugiegh, tbatija, jew dwejjaq minghajr bzonn;
2. Aktar talli bhala sid l-annimali jew li jaqbel li jzomm l-annimali, ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;

3. Aktar talli naqas milli jiehu passi ragonevoli f' kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htigijiet ta' annimali li hu responsabbli ghalihom, jew li jaqbel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal;
4. Aktar talli naqas milli jiehu passi regonevoli sabiex kull annimal li jkun jidher li hu marid jew korrut ried ikun imdewwi sew minghajr dewmien u, fejn annimal ma jirrispondix ghal din il-kura ried jinkiseb parir veterinarju mill-aktar fis possibbli;
5. Aktar talli naqas milli jzomm record ta' kull kura medika moghtija, liema records ghandhom jinzammu ghal perjodu ta' mill-inqas tliet snin u ghandhom ikunu disponibbli ghas-Servizz Veterinarju meta jwettaq spezzjoni jew meta b'xi mod ikun mitlub;
6. Aktar talli naqas milli jipprovdi moviment hieles ta' annimali, liema moviment kien ristrett b'mod li jikkawza tbatija jew korriment bla bzonn;
7. Aktar talli naqas milli juza materjali tal-bini u akkomodazzjoni xierqa u li mhumiex ta' periklu ghall-annimali, u b'mod partikolari ghall-bini ta' mqawel, u taghmir li mieghu l-annimali jistghu jigu f'kuntatt, ma jridux ikunu ta' hsara ghall-annimali u jridu jkunu maghmula b'mod biex jitnaddfu u jkunu disinfettati tajjeb;
8. Aktar talli naqas milli jipprovdi akkomodazzjoni u fittings ghall-gheluq tal-annimali li ghandhom ikunu mibnija u mizmuma b'mod li ma jkunx hemm truf li jaqtghu jew ponot li ghandhom mnejn ikorru lill-annimali;
9. Aktar talli zamm annimali fi dlam permanenti jew minghajr perjodu xieraq ta' mistrieh minn dawl artificjali u liema dawl artificjali ma kienx xieraq;
10. Aktar talli naqas milli jipprovdi lill-annimali protezzjoni minn kundizzjonijiet hziena tat-temp predaturi u riskji ghal sahhithom;
11. Aktar talli naqas milli jipprovdi dieta sustanzjata li tkun xierqa ghall-età u l-ispeci tal-annimali u li tinghatalhom fi kwantità bizzejjed biex izzommhom f'sahhithom u tissodisfa l-bzonnijiet nutrittivi taghhom;

Il-Qorti giet mitluba li taghti l-piena ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kap 439, l-Att Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, kif ukoll ai termini tar-regolament 8 tal-

Legislazzjoni Sussidjarja 439.09, Regolamenti tal-2003 dwar il-protezzjoni tal-Annimali mizmuma ghal ragunijiet tal-Agrikoltura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 8(2), 8(3), 8(4), tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11, 12 u 14 tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu b'multa ta' tlett elef euro (€3,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Calleja, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Emanuel Calleja huma s-segwenti u cioe`:-

Is-sentenza fiha nfisha tghid illi ngiebu diversi xhieda u rapporti u ritratti u l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-provi kienu jippruvaw dak li kien hemm. Il-kwistjoni fundamentali li bl-ebda mod ma giet ezaminata kienet li Emanuel Calleja bhala imputat beda jistaqsi ghala kien qed jigi akkuzat hu meta x-xhieda kollha kienet fil-konfront ta' ibnu Jason. Kien hemm kwistjoni wkoll fundamentali f'dan tal-irziezet illi filwaqt li minhabba r-regoli tal-Unjoni Ewropeja bdew jimponu diversi kundizzjonijiet ta' kif ghandhom jinzammu l-irziezet, hafna mill-irziezet f'Malta kienu jinstabu fl-abitat u ghadhom jinstabu fl-abitat u mhux la kemm isiru arrangamenti ghax anke jekk ir-rahhal jaghmel l-ispejjez, ftit wara jghidulu li l-MEPA mhux se taghtih permess, ghaliex jitlaq minn hemmhekk. Ghal xi zmien kienu qed jikkunsidraw li jibghatu lil diversi rahhala in-naha tas-Siggiewi fiz-zona fejn kien hemm l-ajruport tal-Qrendi, bejn il-Qrendi u s-Siggiewi maghruf bhala ta'

San Niklaw, pero' ghalkemm ghaddew is-snin, ir-regolamenti saru u dak li kellu fattwalment isir ma sarx.

Illi ghaldaqstant mhux la kemm wiehed jimponi certu regolamenti ghax il-persuni u dan qed nghidu ghal Jason Calleja ried jghix imma ma jistghux jghidulu oqghod ghar-regolamenti imma m'ahniex se naghtuk soluzzjoni ghall-pozizzjoni li tinstab fiha.

<u>L-akkuzi specifici.</u>

Jekk wiehed jibda mill-ewwel akkuza, isib illi din jista' jwettaqha biss min ikun qieghed filfatt jikkommetti dak ir-reat. Ma jfissirx illi hemm xi responsabbiltà ta' persuna ohra li tghid li sofrew ugigh u tbatija bla bzonn ghax sempliciment ikollu registrazzjoni fuq ismu. Irid filfatt ikun ikkawzaha hu stess.

It-tieni akkuza li hu ma kienx sid l-annimali u konsegwentement kellu jirrispondi min kien sid l-annimali, f'dan il-kaz kien digà inghad kien Jason Calleja.

L-istess ukoll jinghad ghat-tielet akkuza fejn hija responsabbiltà illi Jason Calleja li kien responsabbli ghall-istess tant hu hekk li l-Ufficjali kellmu dejjem lilu illi jekk sar ir-reat seta' jikkommettih hu u mhux missieru Emanuel Calleja.

Ir-raba' akkuza hija l-istess ghaliex indipendentement ta' min hu l-annimal jew fil-post fejn qieghed, jekk ikun responsabbli ghalih, bhalma kien Jason Calleja, allura hemmhekk ir-responsabbiltà tal-kura tal-annimal taqa' fuqu.

Fil-hames akkuza l-istess il-kwistjoni tal-kura medika u tar-rekords, kienet taqa' fuq Jason Calleja kemm-il darba kien hemm l-istess kura medika u giet moghtija.

Is-sitt akkuza dwar il-moviment hieles tal-annimali wkoll il-veterinarji u l-Ufficjali tad-Dipartiment kellmu lil Jason Calleja u dak li kien hemm kien minhabba li kien hemm xi knatan maqlubin imma dawn minhabba l-istat li fir-razzett ma jistghux isiru xejn ghax l-art irid johrog minnha u barra minn hekk il-MEPA ma taghtix permess li jsir xejn fl-istess post.

L-istess jista' jinghad fuq l-akkuza numru sebgha, tmienja, disgha u ghaxra u dan minhabba l-housing tal-istess annimali illi anke minghajr ebda prova ta' xejn

inxtehtu bhala akkuzi u barra li m'ghamilhomx lanqas kif inghad Emanuel Calleja, lanqas Jason Calleja m'ghamilhom.

Hija haga li digà giet sottomessa illi huma r-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja illi biddlu l-affarijiet, ghax ir-razzett li kien mibni minn zmien ta' aktar minn mitt sena ma sarx adegwat, konsegwenza ta' regolamenti u rziezet li ma japplikawx naturalment ghall-qisien u d-daqsijiet ta' Malta. Pero` bhar-regolament tal-Unjoni Ewropeja, one size fits all!

L-esponenti mbaghad jichad illi huwa naqas li jaghti l-ikel bizzejjed lill-annimali hu stess u anke l-persuna li effettivament kienet responsabbli Jason Calleja. Ir-raguni hija semplici, il-baqar kienu qeghdin mizmumin hemmhekk mhux ghal hag'ohra hlief li jipproducu l-halib. Jekk inti ma taghlifx il-baqra, x'halib tista' taghti jekk mhux ilma? Din hija haga skont in-natura. Qatt ma kien allegazzjoni li l-halib li kien qieghed jaghti kien qieghed assolutament barra minn loku.

Illi fil-kwadru kollu ghalhekk jirrizulta li r-rapprezentanti tad-Dipartiment qabdu l-akkuza standard u applikawha bhall-kazijiet ohrajn ghal kulhadd biex minghalihom ma jkun qed jahrab hadd minn xi akkuza ghax jekk ma jehilx wahda jehel l-ohra. Pero` l-akkuzi kollha u l-ligijiet japplikaw ghall-persuni illi jkunu materjalment u fizikament qed jiehdu hsieb l-annimali.

Kollha kemm huma kellmu lil Jason Calleja. Lil Emanuel Calleja qatt ma kellmuh. Dan il-fatt kien migjub quddiem il-Qorti illi ma tatx kas tal-prova daqstant importanti.

Skont il-ligi jinghad illi r-responsabbiltà kriminali hija responsabbiltà personali. Ma jistax wiehed jghid illi l-akkuza li ssir kontra il-missier jiritha t-tifel jew kontra t-tifel u jiritha l-missier. Kull wiehed jirrispondi ghall-agir tieghu u f'dan il-kaz Emanuel Calleja mill-provi li hemm ma kkommetta xejn minn dak li huwa allegat kontra tieghu.

**L-enuncjazzjoni zbaljata dwar il-provi mhux kontradetti.**

L-ewwel Onorabbli Qorti qalet li l-provi tal-prosekuzzjoni mhux kontradetti, ergo tajbin. Is-sitwazzjoni fil-kamp kriminali hija differenti. Hija l-prosekuzzjoni li trid

tipprova, u li l-provi taghha jregu, indipendentement mill-akkuzat, li dejjem ghandu dritt ghas-silenzju u li lanqas jitkellem ghalih avukat.

**Piena**

Il-piena kienet eccessiva ghax ghalkemm Jason Calleja kien responsabbli, xorta kollox gie prezentat barra kull parametru ta' proporzjonalità.

Ikkunsidrat;

Quddiem l-Ewwel Qorti xehdu Dr. Robert Andrea Balbo, Dr Duncan Chetcuti Ganado, Dr Gabriella Fumia[1], Dr Sergio Fiore u Joseph Zammit.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' April, 2018, fejn il-Qorti :

*'Wara li rat l-Artikoli 7, 8(2), 8(3), 8(4), tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11, 12 u 14 tal-LS 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha b'multa ta' tlitt elef euro (€3,000).*

*Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.'*

Ghalkemm l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar dan, wara li din il-Qorti rreferiet ghall-Legislazzjoni Sussidjarja 433.09 sabet li din il-Legislazzjoni Sussidjarja tikkontjeni tmien (8) regolamenti u Skeda li tikkontjeni wiehed u ghoxrin (21) punt. Ghalhekk ghalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ndikat fost numru ta' artikoli tal-ligi u regolamenti, ir-regolamenti 9,11,12 u 14 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.09 ma setghetx kienet qieghda tirreferi ghar-regolamenti peress li jirrizulta li ma hemm l-ebda regolament 9, 11, 12 u 14 f'din il-legislazzjoni sussidjarja.

Illi minn qari tar-regolamenti u l-iskeda fil-legislazzjoni sussidjarja indikata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jirrizulta li l-Ewwel Qorti setghet kienet qed tirreferi ghal kontenut tal-Iskeda fejn jirrizultaw li hemm il-punti 9, 11, 12 u 14 u dan peress li l-kontenut ta' liema skeda jikkombacja mal-imputazzjonijiet migjuba kontra

[1] Il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju, 2017 jirreferi ghal 'Dr. Gabriella Fumio' filwaqt li t-traskrizzjoni tax-xhieda a fol 36 tirreferi ghal 'Dr. Gabriella Fumia'

l-appellant. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti erronjament irreferiet ghar-regolamenti 9, 11, 12 u 14 meta jirrizulta li dawn ir-regolamenti huma inezistenti.

In oltre l-Ewwel Qorti rreferiet ghar-regolamenti 4, 5, 6, 7 u 8 tar-regolamenti tal-legislazzjoni sussidjarja minflokk ghall-kontenut tal-Iskeda fil-legislazzjoni sussidjarja meta jirrizulta li whud mill-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant kienu jirrelataw ma' dak kontenut fl-iskeda. In oltre, ghalkemm l-Ewwel Qorti setghet kienet qieghda tirreferi ghar-regolament 8 rigwardanti l-piena ukoll kif wara kollox mitlub mill-prosekuzzjoni, l-Ewwel Qorti naqset milli tirreferi ghall-iskeda u tindika artikoli ossia punti mill-imsemmija skeda meta sabet htija.

Illi għaldaqstant din il-Qorti sejra l-ewwel tistħarreġ jekk dawn l-izbalji iwassalx għan-nullita tas-sentenza appellata. L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat***.' (Emfażi miżjuda)

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'**[2]:

'*Illi meta l-Qorti, kif taghmel dejjem, giet biex tistudja l-process, osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkonsidrat ;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell numru: 336/2005)

*sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[3] ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal- Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat"**[4] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "**[5]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"**[6] u ohrajn.)* (Emfażi miżjuda u dettalji tas-sentenżi ċitati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[7], il-Qorti kkunsidrat li:

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Gunju, 1994
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Ġunju, 1995
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)

'*Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[8] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-paġna)

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[9] ukoll:

'*Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[10] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield'**[11]:

'*...l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati.*'

Ikkunsidrat;

L-izbalji mqajjma *ex officio* minn din il-Qorti irendu s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante kif hawn fuq kkunsidrat l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[10] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali numru: 327/2005)

jipprovdi li sentenza kontra l-imputat ghandha fost rekwiziti ohra ssemmi l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw r-reat. La darba l-Ewwel Qorti erronjament indikat regolamenti inezistenti fil-legislazzjoni sussidjarja anke jekk huwa evidenti li kienet qieghda tirreferi ghal punti kontenuti fl-iskeda fl-istess Legislazzjoni Sussidjarja u anke meta rriferiet ghar-regolamenti tal-legislazzjoni sussidjarja minflokk il-kontenut tal-Iskeda fl-istess legislazzjoni sussidjarja irendu is-sentenza nulla u dan stante li dak rikjest ad validitatum skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat.

In-nullita' hija limitata biss ghas-sentenza u kull parti ohra precedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' mhux mittiefsa u ghalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terga tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpogga mill-gdid fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata.[12] Din il-Qorti ghalhekk qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji mressqa mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

[12] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield' deciza nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali numru: 327/2005)